**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 305/14**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**
**Charlie Catania**

**Illum 25 ta' Lulju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Charlie Catania, detentur tal-karta tal-identita' 387142(M);

Akkuzat talli nhar l-14 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tas-18.00hrs gewwa Triq San Giljan, Birkirkara:

1. B'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nazzarena Buhagiar skont kif iccertifika Dr Robert Chircop mill-Isptar Mater Dei;

2. Saq vettura tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni LCB 417, b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;

3. Waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Subaru bin-numru ta' registrazzjoni LCB 417 naqas illi jiehu prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 30 ta' Awwissu, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, sketch immarkat bhala Dok JC1, rapport immarkat bhala Dok JC2, ritratti mmarkati bhala Dok KG1-4, certifikat mahrug minn Dr Robert Chircop immarkat bhala Dok RC, dokument bid-dettalji tal-vettura mmarkat bhala Dok TM1 u zewg ritratti mmarkati bhala Dok EM1 u EM2.

Semghet ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' lil Nazzarena Buhagiar, Joseph Buhagiar, WPS 198 Jennifer Caruana, Ivan Esposito u Stephen Cachia.

**Nazzarena Buhagiar** tghid li nhar l-14 ta' Dicembru 2012, hi u r-ragel kienu hergin mill-Isptar Mater Dei bil-mixi u kienu ha jaqsmu minn fejn ir-*roundabout* ta' fejn is-salib 'Rajt ma Rajtx'. Hija kompliet tghid li Charles kien qed isuq Subaru hadra flimkien mal-mara, u dak il-hin peress li kien wieqaf, huma qasmu u ezatt kif giet bi drittu saq bis-sahha u qabdilha saqajha. Konsegwentament regghet spiccat l-Isptar u ghamlet madwar erbatax-il gurnata fejn giet operata. Buhagiar stqarret li kienet ghamlet hames xhur fis-sodda u wara bdiet it-terapija u li ghadha ma tistax tghawweg saqajha kif trid. Meta mistoqsija hija qalet li kien ghadda minn fuq sieqha bir-rota ta' quddiem tan-naha tal-passiggier. Hija kkonfermat ukoll li s-Sur Catania kien hiereg minn gol-*exit* tat-triq ta' bejn San Gwann u l-Isptar. Meta mistoqsija wkoll hi kkonfermat li kien kwazi ghadu ma dalamx imma ma kinitx ghadha xemx.

**Joseph Buhagiar,** li jigi r-ragel ta' Nazzarena, jghid li kif kienu ha jaqsmu ghal fejn is-salib ta' 'Rajt ma Rajtx' u kienu hargu qisu ghaxar piedi, is-Sur Catania kien qed jistenna biex johrog minn mar-*roundabout* izda kif waslu hdejh dan saq ghal fuqhom bla ma hares.

**WPS 198 Jennifer Caruana** stqarret li f'Dicembru tal-2012 ghall-habta tas-6.16pm kienet giet infurmata li persuna kienet ittajret hdejn ir-*roundabout* ta' Mater Dei u li x'hin waslet fuq il-post din is-Sinjura kienet diga ttiehdet l-Isptar ghall-kura. Meta mistoqsija hija qalet li kienet hadet il-verzjoni tas-Sinjura xi jiem wara gewwa l-Isptar. Hija kompliet tghid li meta marret fuq il-post hija hadet skizz ghaliex kien hemm id-demm u mmarkat il-*brake marks to scale*. Meta mistoqsija hija kkonfermat li kienet hadet il-verzjonijiet tas-Sinjur u s-Sinjura Catania kif ukoll tas-Sinjur Buhagiar dakinhar stess tal-incident fuq il-post tal-incident. Hija kkonfermat ukoll li minn fejn qasmet is-Sinjura, li kienet immarkata permezz ta' *dotted lines*, kienet *give way*. WPS 198 ziedet tikkonferma wkoll li dak il-hin kien id-dlam.

**Ivan Esposito** jghid li nhar l-14 ta' Dicembru 2012 kien il-konsulent tal-ghassa fl-Ortopedia u Trawma fejn dakinhar is-Sinjura Buhagiar kienet sofriet trawma fl-ghaksa tal-lemin fejn din kellha "*Gustilo type 3B*" *open fracture*. Huwa stqarr li din ittiehdet mill-ewwel it-teatru fejn tnaddfulha l-feriti, id-*dislocations* gew ridotti u kien hemm *primary fixation* permezz ta' *external fixator*. Huwa zied jghid ukoll li fil-granet ta' wara kienu saru iktar trattamenti. Is-Sur Esposito stqarr li huwa kklassifika l-griehi bhala gravi u li s-Sinjura kienet iddahlet l-Isptar nhar l-14 ta' Dicembru 2012 u ntbaghtet id-dar nhar it-28 ta' Dicembru 2012, izda pero' din baqghet tmur ghal *follow-ups* l-*outpatients* ghal diversi gimghat wara, fejn l-ahhar nota tindika li l-ahhar vista kienet nhar is-6 ta' Jannar, 2014. Meta mistoqsi dwar l-effetti permanenti ta' dawn il-griehi, is-Sur Esposito qal li jizdidlek ir-riskju ta' artrite, hemm tendenza li titlef certu ammont ta' moviment u li hemm kazijiet fejn ikollok ugiegh permanenti.

**Stephen Cachia** minn Transport Maltaipprezenta u kkonferma dokument li fih id-dettalji fuq il-vettura LCB 417.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi in ezami ta' l-ewwel akkuza dedotta, din il-Qorti se taghmel referenza ghal xi decizjonijiet diversi elenkati tal-Qrati taghna li jiddeterminaw anke r-responsabbilita' fl-

uzu tat-triq tal-pedestrian. Din il-Qorti se ssemmi zewg sentenzi li jipprospettaw sitwazzjoni simili ghal dik in dizamina u cioe' fejn il-pedestrian jaqsam f'daqqa u ghaldaqstant jahsad lis-sewwieq kif indika l-istess sewwieq fl-isketch moghtija, *Il-Pulizija vs J Thorton (Appell Kriminali Vol XLVIV/920)* u *Il-Pulizija vs Cassar Desain (Appell Kriminali Vol XLVI/IV/765) deciza 13 ta' Jannar 1962,* hawnhekk il-Qorti issemmi sitwazzjoni bhal dawk meta l-pedestrian jinzel minn fuq bankina meta mhux mistenni jaghmel hekk jew jaghmel hekk f'daqqa u b'mod inaspettat jitfaccja quddiem karozza. Fil-fatt din is-sitwazzjoni hawn fuq deskritta hija kwazi identika ghal dik in dizamina in kwantu ghall-movimenti maghmula min-Nazzarena Buhagiar u dan skond ix-xhieda rizultanti. Kemm l-imputat u l-mara tieghu li kienet ukoll xhud okulari ta' dan l-incident ma xehditx, izda fl-isketch jikkonfermaw it-tnejn li kienu weqfin fuq il-give-way jistennew il-karozzi min-naha tal-lemin taghhom jieqfu biex ikunu jistghu jaqsmu ghal mar-roundabout u kif l-imputat ra li t-triq giet *clear*, hassew id-daqqa ma' Nazzarena Buhagiar mill-ewwel.

Fil-fatt jirrizulta anke mix-xhieda li Nazzarena Buhagiar hasdet lis-sewwieq ghax fil-fatt indunaw biha x'hin laqtuha.

Issa ghalhekk jibqa' li jigi determinat biss, in kwantu hawn si tratta ta' culpa, jekk is-sewwieq allura l-imputat setax jevita' dan l-incident. Ghalhekk ghandu jigi determinat jekk Catania setax la darba jzomm proper look out, jevitax dan l-incident dana fil-kuntest tal-fatt li xi ftit gie mahsud mill-istess Buhagiar. Buhagiar hassitha komda taqsam it-triq ladarba rat li Catania kien wieqaf.

Huwa pacifiku li t-triq fejn sar l-incident u cioe' fuq il-give way mar-roundabout li qeghda fit-triq bejn San Gwann, Mater Dei u Birkirkara, l-imputat kien qieghed fuq il-give-way li taghti minn San Gwann direzzjoni lejn Birkirkara, kien wieqaf qed jistenna l-karozzi jigu clear min-naha tal-lemin tieghu biex sussegwentement jaqsam ghad-direzzjoni ta' Birkirkara, hekk jirrizulta mill-isketch u mir-ritratti prezentati. Jirrizulta li l-incident sar ftit passi l-boghod mill-bankina ta' barra ta' Mater Dei u cioe' mill-kantuniera taghha. Jirrizulta wkoll illi t-triq fejn sar l-incident tgawdi minn vizwali tajba. Certament huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana u anke dik barranija li jinkombi dejjem fuq is-sewwieq li jzomm dik il-proper look out ghal uzanti bil-pass tat-

triq aktar u aktar meta t-triq hija wahda li tippermetti din il-look out. Verament li kif jirrizulta mill-atti t-triq jew ahjar dik il-parti fejn gara l-incident ma kinitx imdawla sew pero' bhala fatt dan aktar jinkombi fuq is-sewwieq li juri aktar attenzjoni fis-sewqan tieghu u mhux bil-kontra.

Fil-kawza *Neuhaus ND vs Boston Insurance Co. Ltd. (1968)* moghtija mill-Qrati Nglizi intqal hekk:

*"Keeping a proper look out means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in case of a road passing through a built up area,* ***of the pavements on the side of the road as well***[1]*."*

Illi tenut kont ta' dan kollu premess, tal-fatti kif graw, u cioe li Catania seta' gie mahsud mill-azzjoni ta' Buhagiar, li pero' Catania kien igawdi wkoll minn vizwali cara tat-triq u kellu f'kull hin anke jzomm "proper lookout" tat-triq kollha u dan in vista tal-fatt li kien wieqaf qed jistenna l-vetturi jigu clear, hares biss lejn naha wahda x'hin saq biex johrog mill-give way u ma harisx lejn in-naha tal-bankina biex jara x'kien ghaddej fuq dik in-naha meta kellu kull dover illi jaghmel hekk biex jevita incidenti.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni akkuza l-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li qalet il-kawza,

*Il-Pulizija vs Alfred Mifsud* (Deciza 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano) fejn qalet:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-nonosservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

[1] Emfazi ta' din il-Qorti

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)……."*

Illi kif inghad hawn fuq sewqan traskurat jinvolvi sewqan meta ma jigux osservati r-regolamenti tat-traffiku. Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma resqet ebda prova ta' liema regolamenti tat-traffiku l-imputat kiser jew li din il-Qorti tista' tasal ghal xi konkluzjoni minn xi indizzji cirkostanzjali. Huwa minnu li l-imputat qasam il-give-way izda din ghamilha meta vetturi min-naha tal-lemin ma kenux gejjin izjed, u ghalhekk seta' jaqsam. Illi lanqas jista' jinghad li jista' jinstab hati ta' sewqan bla kont u cioe' bi traskuragni kbira ghal fatt li ma kienx hemm b'mod deliberat li ha riskji fis-sewqan tieghu. Illi fil-kaz ta' sewqan traskurat huwa kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u dak ta' sewqan perikoluz u ghalhekk ma jistax jigi misjub hati f'dawn ic-cirkostanzi.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet akkuza l-Qorti ukoll ma tistax issib htija u dan peress li kulhadd xehed li l-imputat kien wieqaf jistenna l-vetturi jieqfu biex johrog u ma harigx qabel ma dawn il-vetturi waqfu u ghalhekk ma tarax li ma hax prekawzjonijiet biex johrog ghal fuq triq principali, li gara illi l-imputat b'nuqqas ta' hsieb ma harisx in-naha l-ohra biex jara li ma kienx hemm pedestrians u biex jara x'inhu jigri fil-madwar tal-banikna fejn gara l-incident, u ghalhekk nuqqas ta' proper look out.

**Decide:**

Ghalhekk ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, ma ssibux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni stante li ma jirrizultawx, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**